MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2010

Appell Civili Numru. 21/2009

**Paul Borg**

**vs**

**APS Bank Ltd**

**Il-Qorti,**

Fil-15 ta’ Settembru, 2009, it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

> **“**Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta’ Rikors tar-rikorrenti Paul Borg ipprezentata fir-Registru tal-Qorti fid-9 ta' Marzu 2006, u ffirmat mill-avukat Karmenu Mifsud Bonnici.
>
> <u>DIKJARAZZJONIJIET</u>

Fir-Rikors promotorju r-rikorrenti sempliciment jiddikjara li huwa kien Senior Manager ma’ l-APS Bank u kienet qed issir diskriminazzjoni mieghu ghaliex ma kienx qed jigi assenjat lilu xoghol li jaqa’ taht il-mansjonijiet relattivi ghall-kariga tieghu, u dan b'differenza ghall-impjegati l-ohra ta’ l-istess grad. Huwa talab lit-Tribunal jordna lill-Bank jiddesisti minn dan it-trattament diskriminatorju u li jikkompensa lill-esponent.

Fid-Dikjarazzjoni tal-kaz, ir-Rikorrent imbaghad jghid li huwa kien tnehha mill-kariga ta’ Senior Manager - Centralized Services Unit biex jaghti din il-kariga lil persuna ohra li kellha grad aktar baxx, waqt li r-rikorrent thalla minghajr xoghol ghal tul ta’ zinien. Imbaghad jelenka 4 stadji ta’ din id-diskriminazzjoni: (1) Isemmi meta l-Bank kien iddikjara li jrid jirriorganizza ruhu billi fost affarijiet ohra jitnehha l-Unit li kien jaqa' taht ir-responsabbilta` tar-rikorrent; (2) Imbaghad isemmi meta l-Bank hareg skema ta’ irtirar kmieni fl-2005; li giet offerta lir-rikorrent li m'applikax, imma accettaha; izda meta gew biex jiffirmaw il-ftehim fid-29 ta’ Lulju 2005 il-Bank dahhal kundizzjoni gdida li kienet inaccettabbli ghar-rikorrent, u l-ftehim sfaxxa; (3) Isemmi l-kaz ta’ meta l-Bank offrielu xoghol fl-I.T. Division, izda peress li l-ftehim ta’ l-impieg tar-rikorrent mal-bank jindika li huwa ghandu jirrapporta dirett lis-CEO, il-kap tat-taqsima ta' l-I.T. ma accettax din is-sitwazzjoni; imbaghad il-Bank inkariga lir-rikorrent jamministra ix-xoghlijiet strutturali u ta’ tisbih fi Branch f’Ghawdex izda xi gimghat wara twaqqfet l-applikazzjoni li saret mal-MEPA in rigward ta’ dan ix-xoghol; u (4) Isemmi imbaghad meta r-Rikorrent thalla bla xoghol minn Novembru 2005 sa dakinhar tad-dikjarazzjoni tieghu (Ottubru 2006) b'dannu ghal sahhtu. Ir-rikorrent isemmi wkoll kif kien gie diskriminat qabel, u cioe meta f’April 1997 thalla wahdu fil-fergha ta’ Strada San Paolo fil-Belt fil-waqt li l-haddiema l-ohra kollha intbaghtu x'imkien iehor.

Ir-rikorrent ipprezenta numru ta' dokumenti: Ittra ta' l-1 ta' Dicembru 2005 fejn ir-rikorrent intalab jiehu hsieb ix-xoghol fuq il-fergha f'Ghawdex u jaghmel rapport ta' kull xahar; ittra tas-26 t'April 2006 fejn is-sur Borg intalab mis-CEO biex il-hidma ta' kuljum tinghata lilu mill-Head Operations Frans Frendo u biex jaghmel ir-rapporti mensili; ittra tal-25 ta' Lulju 2006 fejn ir-rikorrent spjega li ma inghatawlux mezzi biex jahdem, u li ghalhekk ma kellu xejn x'jirrapporta; hu ddeskriva l-istruzzjoni moghtija lilu mis-CEO bhala li tikser il-kuntratt ta' l-impieg tieghu; in oltre ghaddielhom certifikat tal-psikjatra George Debono. Ipprezenta l-kuntratt tax-xoghol tieghu datat 19 t'April 1995, u rapport psikjatriku tal-psikjatra Etienne Muscat; ittra tal-21 t'Ottubru 1996 fejn gie infurmat li ma kienx ghad hemm xoghol ghalih, u cirkolari tat-22 t'Ottubru 1996 li kienet tghid li Paul Borg ma kienx ghadu impjegat ma' l-APS.

Fl-istqarrija tal-kaz taghha, is-socjeta` intimata rrispondiet billi preliminarjament oggezzjonat ghall-isem tal-bank intimat li huwa APS Bank Ltd u mhux A.P.S. Bank Ltd; imbaghad eccepiet li l-ilment tar-rikorrent ma jispecifikax b'mod car u sewwa l-bazi tal-allegat trattament diskriminatorju; eccepiet ukoll li l-azzjoni odjerna hija perenta bl-gheluq ta' l-erba' xhur skond l-artikolu 30(1) ta' l-Att dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali; u finalment hija tghid li r-rikorrent irid igib provi sodisfacenti dwar dak li qed jallega.

<u>PRELIMINARI</u>

Fl-ewwel seduta, dan it-Tribunal appella liz-zewg partijiet sabiex jesploraw il-possibilita` ta' ftehim bonarju. Di piu` saru kjarifiki li bis-sahha taghhom l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet sollevati mill-Bank intimat gew irtirati. Fil-waqt li r-raba' eccezzjoni tirrigwarda l-mertu, it-tielet eccezzjoni hija intrinsikament konnessa mal-mertu, u ghalhekk

ser tigi ttrattata mal-mertu tal-kaz. Ghall-iskopijiet ta' Artikolu 78 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu jinghad li dan il-kaz ma setax jigi konkjuz fi zmien xahar peress li z-zewg partijiet firxu x-xhieda taghhom fuq numru ta' seduti.

IL-PROVI

Skond ma jirrizulta lil dan it-Tribunal, il-kronologija ta' l-impieg tar-rikorrent Paul Borg kienet is-segwenti:-

- Huwa gie impjegat mal-Bank intimat APS Bank Ltd b'effett mill-1 ta' Mejju 1995 bhala Senior Manager b'doveri li jinbidlu minn zmien ghall-iehor, izda l-ewwel kariga kellha tkun fis-sezzjoni ta' l-Informatika.

- F'Ottubru 1996 il-Bank jiddikjara li ghamel riorganizzazzjoni li biha l-post ta' Senior Manager - Information Technology ma kellux jibqa' jezisti u ghalhekk ma kienx hemm lok li r-rikorrent jinzamm fl-impieg.

- F'Dicembru 1996 gie reinstated fuq intervent tal-Union, u intbaghat fl-ufficju fi Triq San Pawl il-Belt bhala Senior Manager - Special Duties; hemmhekk kien hemm branch li topera, izda ghalqet f’April 1997 u telaq kulhadd hlief ir-rikorrent: ghalhekk baqa' izolat wahdu. Wara flit zmien regghu intervenew il-union u gie trasferit ghal Furjana u Republic Street il-Belt.

- Fl-2000 intbaghat jahdem fis-Centralised Services fil-Mosta.

- Fid-19 ta’ Dicembru 2003 gie ffirmat Collective Agreement for the Managerial Clerical and Non-Clerical Categories bejn il-Bank u l-MUBE, fejn fost affarijiet ohra, hemm deskritt il-mod ta' kif individwu ghandu jressaq l-ilment tieghu (Taqsima 12 - Grievance Procedure)

- Fl-2005 harget skema ghall-impjegati li xtaqu jirtiraw kmieni, u r-rikorrent, wara offerta li saritlu, accetta li jirtira, izda f'Lulju 2005 kien hemm nuqqas ta' qbil dwar kif kellu jsir dan l-irtirar mix-xoghol ir-rikorrent, u waqaf kollox, u r-rikorrent gie assenjat xoghol mill-gdid fi Triq San Pawl il-Belt fejn issa kien hemm xi haddiema ohra ta' l-Operations.

- Lejn l-ahhar ta' l-2005 ir-rikorrent qabditu depression u hareg 5 gimghat bis-sick-leave.

- F'Dicembru 2005 il-Bank offra lir-rikorrent xoghol ta' sorveljanza fuq il-progett tal-fergha ta' Ghawdex, izda l-applikazzjonijiet mal-MEPA inbidlu u allura r-rikorrent ma kellu xejn x'jaghmel ghax ried jistenna l-ezitu ta' din l-applikazzjoni gdida. Huwa baqa' assenjat fl-ufficju ta' Triq San Pawl il-Belt.

- F'Marzu 2006, u cioe' f'dan il-perjodu li ma kellu xejn x'jaghmel, infetah dan il-kaz fit-Tribunal Industrijali, mentri f'April 2006 huwa rega' hareg fuq sick-leave minhabba d-depressjoni.

- F'Lulju 2006 il-Psikjatra jirrakkomanda li r-rikorrent jinghata xoghol effettiv biex jghinu johrog mid-depressjoni, izda huwa dahal lura ghax-xoghol fil-bidu ta' l-2007.

- Ir-rikorrent kien qed joqrob li jirtira mix-xoghol u peress li ma setghetx tigi sblokkata s-sitwazzjoni ta' xoghol accettabbli ghalih, gie offert jaghmel xi xoghol li jaghzel hu f;-istituzzjonijiet tal-Knisja, u jibqa' jithallas is-salarju ta' Senior Manager, izda anqas fuq dan ma kien hemm qbil.

- Ir-rikorrent rega' waqaf mix-xoghol ghal xi xhur bis-sick-leave u fil-15 ta' Dicembru 2007 huwa spicca mix-xoghol ghax ghalaq 61 sena.

Jirrizulta li originarjament, bil-kuntratt ta' l-impieg ta' l-1995 ir-rikorrent, bhala Senior Manager, kien irid jaghti kont lic-Chief Executive Officer. Imbaghad, fil-gerarkija tal-kumpanija dahlu l-Heads of Division li jaqghu f'kategorija taht il-Chief Executive Officer, imma fuq is-Senior Managers; dawn il-Heads jitqiesu bhala parti mill-Ezekuttiv. Skond ma rrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza, u b'mod partikolari fit-trattazzjoni finali, ir-rikorrent dejjem insista li jinterpreta l-kuntratt ta' l-impieg tieghu ad litteram fis-sens li huwa jiehu struzzjonijiet m'ghand ic-Chief Executive Officer biss, igifieri ma kienx jaccella struzzjonijiet minn ghand il-Heads of Division (li f'certu zmien kienu is-sur George Cassola u s-sur Frans Frendo, li xhedu) li allura kienu jigu fuqu.

Anzi, ir-rikorrent jammetti (folio 247) li fiz-zmien li ma kellux xoghol x'jaghmel gie offert pozizzjoni fl-I.T. Division taht is-Sur Fiorentino li kien il-Head, izda r-rikorrent baqa' jinsisti li jissoggetta ruhu ghac-Chief Executive Officer biss. Dan ma kienx accettabbli ghas-sur Fiorentino li allura kien ser ikollu wiehed mis-subordinati tieghu li ma jirrikonoxxuhx bhala superjur. Ir-rikorrent jammetti wkoll in kontroezami li l-Ftehim Kollettiv hawn fuq imsemmi kien jghodd ghalih u li kien jaf li hemm klawsola li tghid li dak il-ftehim kellu jirrimpjazza l-kuntratti ta' l-impieg individwali originali.

Jirrizulta wkoll li ghal xi perjodu r-rikorrent ma kienx qed jinghata awmenti fis-salarju tieghu u fetah kaz li ghadu pendenti. Fl-2005 il-Bank u s-sur Borg kienu waslu fi ftehim li s-sur Borg jirtira kmieni mill-impieg, jirtira l-kaz imsemmi, u jinghata somma ta' Lm40,000. Madankollu r-rikorrent ried li fuq il-formola ta' l-ETC dwar it-terminazzjoni ta' l-impieg jigi mnizzel li l-Bank waqqfuh mix-xoghol. Fuq dan baqa' ma kienx hemm qbil u sfaxxa l-ftehim. Dan it-Tribunal ghandu ghax jifhem, partikolarment mir-rapporti psikjatrici, li r-rikorrent irrealizza li kemm hu stess kif ukoll il-Bank kienu

rigidi ma' xulxin, u bi ftit aktar flessibilita` kienu jigu rizolti l-konflitti kollha pendenti; dan ma sehhx u r-rikorrent waqa' f'depression.

Ghandu jinghad ukoll li ngiebu provi dwar kwistjonijiet li nqalghu fis-snin 1990, li frankament ftit li xejn huma relevanti ghal dan il-kaz.

KONSIDERAZZJONIJIET

Dan it-Tribunal jinnota li kwalunkwe nuqqas ta' qbil li kien hemm bejn l-1995 u l-1997 m'ghandux jifforma parti mill-vertenza odjerna, partikolarment ghaliex donnu hemm qbil li r-rikorrent ma kienx jingwalha mac-Chief Executive Officer ta' dak iz-zmien.

Matul is-snin inholoq hafna disgwid minhabba l-intransigenza tar-rikorrent li baqa' jinsisti li huwa ma jiehux ordnijiet mill-Heads of Divisions izda minn ghand dak li hu fuqhom, ghax hekk kien stipulat fil-kuntratt ta' l-impieg. Dan it-Tribunal jaghti ragun lill-Bank intimat li l-Collective Agreement jirrimpjazza lill-kuntratt originali, sakemm il-kondizzjonijiet ta' l-impieg ikunu ugwali jew ahjar minn dak il-kuntratt. Ir-rikorrent iqis dik il-klawsola li tghid li huwa ghandu jirrispondi lis-CEO bhala dritt; f'dak il-kuntratt originali din il-klawsola qeghda mnizzla bejn il-klawsoli tad-drittijiet u l-klawsoli tad-doveri. Dan it-Tribunal huwa aktar propens li jikkonsidra tali klawsola bhala dover, u ma kien jitlef xejn billi jobdi l-ordnijiet tal-Head ta' fuqu. Ghalhekk ir-rikorrent kien hati ta' hafna friction zejda. Di piu` jinghad li anke kieku kellna nikkonsidraw din il-kwistjoni ta' l-accountability bhala dritt tar-rikorrent, xorta jirrizulta li r-rikorrent hadha kontra l-istess Chief Executive Officer li qallu li biex jobdi lilu (lis-CEO) huwa kellu jiehu l-istruzzjonijiet minn ghand il-Head of Division (li allura nistghu nqisuh bhala d-delegat tas-CEO).

Dwar il-kwistjoni ta' l-irtirar kmieni, dan it-Tribunal m'ghandux quddiemu kwistjoni ta' diskriminazzjoni u ghalhekk mhux ser jidhol fiha.

Ir-rikorrent ihoss li huwa kien diskriminat meta paragonat mas-senior managers l-ohra meta ma kienx jinghata xoghol adattat ghalih, jew addirittura ma nghata xejn. Hawnhekk it-Tribunal jinnota li l-Bank jargomenta tramite l-abbli avukat tieghu li diskriminazzjoni trid tkun wahda minn dawk elenkati fid-Direttivi ta' l-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-Avviz Legali 297 ta’ l-2003 (LS452.89) u Avviz Legali 461 ta' l-2004 (LS452.95). Il-ligi u l-kazistika minnu citata tohrog distinzjoni bejn diskriminazzjoni diretta u dik indiretta, u distinzjoni bejn trattament ingust u diskriminazzjoni. Per ezempju fil-kaz <u>The Law Society vs Kamlesh Bahl</u> il-Qorti Ingliza rriteniet li trattament jista' jkun ingust izda ma jammontax ghal diskriminazzjoni. Dan it-Tribunal jaqbel li dan il-principju jghodd ghal Malta wkoll, izda ma jaqbilx li l-lista ta’ diskriminazzjoni msemmija fil-ligi Maltija hija wahda esklussiva. Dan it-Tribunal huwa tal-fehma li l-ligi ma riedet thalli ebda dubju dwar diskriminazzjoni a bazi ta' sess, religjon, razza u ohrajn, ghax hekk kienet tirrikjedi l-ligi ta’ l-Unjoni Ewropea, imma l-ligi taghna hija aktar wiesgha u kwalunkwe trattament diskriminatorju ghandu jigi sanzjonat. Ghalhekk ir-rikorrent huwa korrett meta jsostni li ma kellux htiega jgib prova dwar ir-raguni tad-diskriminazzjoni.

Madankollu jibqa' li r-rikorrent irid igib il-prova tad-diskriminazzjoni: f’din il-kawza r-rikorrent jallega li s-senior managers zgur ma gewx trattati bhalu ghax kieku l-bank kien ifalli. Ir-rikorrent ma gab ebda prova dwar x’xoghol kien jinghata lis-senior managers l-ohra, u jekk dan kienx jaqa’ fil-mansjoni tal-job description taghhom; ghalhekk in kwantu r-rikorrent jilmenta li ma inghatax xoghol fil-mansjoni tal-grad tieghu huwa bl-ebda mod ma ssostanzja t-tezi tieghu ta' diskriminazzjoni. Jibqa'

ghalhekk li jigi ezaminat biss jekk kienx hemm diskriminazzjoni (1) meta dan thalla jahdem f'binja wahdu fi Strada San Paolo u (2) meta dan thalla bla ebda xoghol.

Dwar l-okkazjoni meta r-rikorrent kien jahdem f'Saint Paul's Street, ghall-bidu kien hemm branch funzjonabbli, u huwa accetta li jmur hemm fi zmien li kien hemm impjegati ohra jahdmu hemm. Meta xhur wara telaq kulhadd barra hu, it-trattament xejn ma kien felici, u rebah il-bon sens meta fi zmien qasir il-bank accetta li jittrasferih ghall-Furjana. In rigward ta' dak l-incident japplika t-terminu ta' l-erba' xhur: dak l-incident sehh fl-1997 u ma jistax jigi investigat illum; ir-rikorrent m'ghandux rimedju.

In rigward taz-zmien li r-rikorrent ma inghatax xoghol, insibu z-zmien li huwa kellu jaghmel xoghol relatat mal-fergha t'Ghawdex, u z-zmien ta' wara sa ma ghalaq 61 sena. Dan kien iz-zmien meta nfetah dan il-kaz u allura t-terminu ta' l-4 xhur ma kienx skada. Jirrizulta li r-rikorrent inghata xoghol li ma setax jitkompla minhabba li l-Bank iddecieda li jibdel l-applikazzjonijiet ghall-izvilupp mal-MEPA. Meta f'dak il-perjodu il-Bank kien jaf li r-rikorrent ma kellux xoghol x'jaghmel. Jidher li l-Bank ha hafna zmien sa ma ppropona li jibghat lir-rikorrent fid-Divizjoni ta' l-I.T., haga li ma mmaterjalizzatx minhabba nuqqas ta' flessibilita`, l-aktar da parti tar-rikorrent. Sussegwentement il-Bank offra lir-rikorrent il-possibilita` li dan jahdem x'imkien iehor f'xi entita` tal-Knisja, u hawnhekk il-Bank kien flessibbli hafna, mentri r-rikorrent xejn ma kien flessibbli u kollox baqa' rieqed, htija tieghu.

F'dawn ic-cirkostanzi kollha, dan it-Tribunal ihoss li r-rikorrent kellu parti sostanzjali mill-htija ghaliex huwa stess ghamel l-ahhar sentejn ta' l-impieg tieghu ma jaghmel xejn. Izda mill-banda l-ohra ghal perjodu qasir, u cioe bejn il-bidu ta' l-2006 u

z-zmien meta r-rikorrent gie offert xoghol fl-I.T. Division, il-Bank ma offriex xoghol adegwat lir-rikorrenti. It-Tribunal japprezza li persuna li tkun trid tahdem tigi affettwata negattivament meta ma jinghatalha xejn x'taghmel. Kif inghad, il-perjodu li fih ir-rikorrent ma gie offert ebda xoghol alternattiv kien relattivament qasir, u di piu` ir-rikorrent baqa' dejjem jircievi s-salarju u l-privileggi kollha tal-kariga tieghu.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qieghed jiddeciedi li r-rikorrent ma ppruvax li huwa gie trattat differenti mill-managers l-ohra, hlief ghal meta thalla bla xoghol, liema perjodu kien relattivament qasir. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet u cirkostanzi kollha, dan it-Tribunal, ihoss li r-rikorrent ghandu jinghata biss kumpens nominali.

<u>DECIZJONI</u>

Ghaldaqstant, wara li ra l-atti kollha ta' dan il-kaz, it-Tribunal qieghed jiddikjara li r-rikorrent kien gie diskriminat ghal perjodu qasir matul is-sena 2006, u ghal liema diskriminazzjoni jahti in parte l-istess rikorrent bl-agir tieghu, u in parte il-Bank intimat, u ghalhekk qed tistabilixxi l-ammont ta’ elf u hames mitt Euro (€1,500) bhala kumpens, liema kumpens ghandu jithallas mis-socjeta` intimata lir-Rikorrent fi zmien tletin jum mil-lum. Ghall-finijiet tal-Kap 452 tal-ligijiet ta' Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta' disghin Euro (€90.00). B’hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.”

Il-Banka intimata appellat minn din is-sentenza biex titlob ir-revoka taghha in kwantu ssostni illi t-Tribunal Industrijali ma ddecidiex sew u b’mod adegwat il-kanoni interpretattiv tad-dritt f’materja ta’ trattament diskriminatorju kif prospettat fid-dispost ta’ l-Artikolu 26 ta’ l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, l-Avvizi Legali Numru 297 ta’ l-2003 u 461 ta’ l-2004, u d-Direttivi ta’ l-

Unjoni Ewropeja Numru 200/43/EC u 2000/78/EC. Il-Banka appellanti tissottometti bi kritika illi l-motivazzjoni tat-trattament diskriminatorju li fuqha tirpoza d-decizjoni tat-Tribunal ma kienetx issib riskontru fl-elenku stabbilit f'dawk il-ligijiet u regolamenti u, ankorke, wiehed kellu jaccetta bi proposizzjoni illi r-ragunijiet dedotti f'dak l-elenku ezemplikattiv ma kienux esklussivi, xorta wahda dawk ohrajn talvolta stabbiliti kellhom ikunu ta' l-istess importanza u portata ghal dawk tal-ligijiet u regolamenti predetti. B'mod partikolari, dejjem skond il-Banka appellanti, li jkunu ragunijiet li jiddeterminaw illi t-trattament ma kienx wiehed gustifikabbli f'socjeta` demokratika;

Huwa forsi utli li jigi ripetut b'introduzzjoni illi "l-individwu fir-relazzjonijiet tieghu ma' individwi ohra, kien regolat bil-ligijiet ordinarji promulgati mill-Istat. Ligijiet li kellhom pjenament jassiguraw lic-cittadin il-protezzjoni shiha mhux biss tad-dmirijiet u l-obbligi li dawk ir-relazzjonijiet joholqu imma wkoll fir-rigward tal-harsien u protezzjoni shiha tal-jeddijiet fondamentali li l-ligi ordinarja kellha wkoll tassigura lil kull cittadin" ("**Constantino Consiglio *et* -vs- Kav. Joseph N. Tabone *nomine***", Qorti Kostituzzjonali, 11 ta' Awissu, 2000). F'materja ta' rapport ta' impjieg din l-enuncjazzjoni tircievi qawwa rafforzata ghaliex, kif anke kkonstatat, meta kien ghadu jvigi c-CERA (Kapitolu 135) qabel il-konsolidazzjoni tieghu mal-Kapitolu 266, "*it is equally obvious from various parts of the Act itself that the law is primarily concerned with the protection of* employees" ("**Sylvia Falla -vs- Ernest Jennings *nomine***", Appell Kummercjali, 14 ta' April, 1969);

Dan, apparti, imbaghad, illi skond ir-regola generali tad-dritt fir-rigward tal-kuntratti kollha ghandu applikabilita` kostanti l-principju tal-bwona fede (Artikolu 993, Kodici Civili), u tali jimponi ruhu anke fuq min ihaddem fil-perkors tar-rapport kontrattwali ma' l-impjegati tieghu. Dan mhux biss ghall-ezekuzzjoni tajba u korretta ta' dak ir-rapport imma wkoll ghall-iskop li jkun assigurat u garantit illi dak ir-rapport ma jsirx strument ta' diskriminazzjoni.

B'illustrazzjoni ta' dan f'tema ad ezempju ta' licenzjament minhabba *redundancy*, il-ligi tirrestringi l-poter diskrezzjonali ta' min ihaddem ghall-prinicpju tal-"*last in, first out*" [Artikolu 36 (4) tal-Kapitolu 452]. Li jfisser, illi min ihaddem ghandu jsegwi certa procedura rigoruza ghall-fini li tkun iggarantita l-parita` tat-trattament bejn haddiema fl-istess klassi u tkun evitata d-diskriminazzjoni. Agir mod iehor ma jistax ma jissinjifikax vjolazzjoni tal-principju tal-bwona fede u tali jikkostitwixxi inadempiment f'min ihaddem;

Premessa din l-introduzzjoni, huwa forsi wkoll opportun li jigi registrat illi, gja qabel il-promulgazzjoni tad-disposizzjonijiet specifici nnovattivi ghat-tutela kontra d-diskriminazzjoni, ex-Artikolu 26 tal-Kapitolu 452 u l-Avvizi Legali u d-Direttivi ta' l-Unjoni Ewropeja fuq imsemmija, kien inghad illi "filwaqt li hu veru li kienet biss il-Prim' Awla tal-Qorti Civili li kellha gurisdizzjoni originali biex titratta u tiddeciedi materji ta' vjolazzjonijiet attwali jew mhedda tad-drittijiet fondamentali, fosthom allura d-dritt ta' helsien mid-diskriminazzjoni, u li minn decizjonijiet ta' dik il-Qorti seta' biss isir appell lil din il-Qorti, dan ma jfisserx illi kull qorti u tribunal iehor kellu necessarjament iwarrab mill-konsiderazzjoni tieghu kull sottomissjoni li nsibu fir-rigward ta' l-allegata diskriminazzjoni li tolqot il-mertu, u li jaqa' fil-kompetenza ta' tali Qorti jew Tribunal" ("**Teddy Rapa -vs- Chairman, Awtorita` ta' l-Ippjanar *et***", Qorti Kostituzzjonali, 31 ta' Mejju, 2000). Ir-rilevanza ta' din is-silta qed tigi sottolinejata mhux tant mill-ottika tal-kompetenza gudizzjali, del resto ffissata fit-Tribunal adit skond l-Artikolu 30 ta' l-Att, izda biex taccentwa l-punt illi kwestjoni ta' allegata diskriminazzjoni, meta tinsorgi, setghet dejjem tircievi l-iskrutinju tat-Tribunal. Dan b'applikabilita` tat-test oggettiv "*to what was done, not the reasons or motives behind what was done*" (**Selwyn's**, "**Law of Employment**", 15th Edition, para. 4.6 pagna 109);

Hu l-argoment centrali tal-Banka appellanti illi l-fattispeci tal-kaz ma ghandhom ebda rispondenza f'xi wahda mir-ragunijiet kwalifikati fid-diversi legislazzjonijiet. Dan fis-

sens illi t-trattament diskriminatorju lamentat ma ghandu ebda ness ma' xi stat konjugali, tqala jew tqala potenzjali, sess, kulur, dizabilita`, twemmin religjuz, opinjoni politika, shubija fi trade union jew f'assocjazzjoni ta' principali, eta`, orjentament sesswali u origini razzjali jew etnika (A. L. 497/03, A. L. 461/04 u d-Direttivi fuq referenzjati);

Dan huwa veru u hu hekk sahansitra rikonoxxut mit-Tribunal fis-sentenza appellata. B'danakollu, kif ukoll sew ravvizat mill-istess Tribunal, il-ligi taghna hija aktar wiesgha minn dawk il-parametri, anke ghaliex tannovera fost l-atti diskriminatorji trattamenti li jincidu fuq il-kondizzjonijiet tar-rapport ta' impjieg. Dan sija fl-istadju ta' l-ingagg kif ukoll fil-kors ta' l-ezekuzzjoni ta' l-impjieg. Ara Artikolu 26 (1) ta' l-Att;

Ipprecizat dan, ma jistax ikun dubitat illi l-oggett ta' l-obbligazzjoni da parti ta' l-impjegat f'rapport tax-xoghol hu kostitwit mit-tip ta' attivita` skond il-mansjoni tieghu u ghal liema gie assunt. Fil-hsieb tal-Qorti dan hu ferm vitali in kwantu hi dik l-istess mansjoni li tistabilixxi l-kwalifika u l-kategorija tieghu bhala haddiem. Evidentement, ukoll fil-fehma tal-Qorti, id-determinazzjoni ta' dik il-kwalifika u tal-posizzjoni ta' l-impjegat fl-organizzazzjoni ma taghmiliex daqstant il-komparizzjoni mal-mansjonijiet zvolti minn impjegati ohra, izda fuq il-bazi tal-mansjoni effettivament ezegwita mill-impjegat partikolari, u, forsi wkoll, mir-raffront ta' dik l-istess mansjoni mal-previzjoni kontrattwali li tkun hekk ikkwalifikata. Fil-kaz in ezami, trattasi minn appellat impjegat bhala Senior Manager mal-Banka appellanti.

Tqum hawn il-mistoqsija jekk ghandux min ihaddem il-poter li jimmodifika dik il-mansjoni ta' l-impjegat tieghu minn dik originarjament miftehma. Jidher li hu prevalenti l-hsieb ta' dawk li jirritjenu bhala gustifikat dik il-modifikazzjoni jew *jus varjandi* minhabba esigenzi organizzattivi, "purke` dejjem il-modifikazzjoni jew varjazzjoni tkun rikjesta genwinament u in bona fede mill-

esigenzi obbjettivi ta' l-impriza" ("**Richard Anthony Matrenza -vs- Joseph Attard Kingswell *nomine***", Appell Civili, 3 ta' Frar, 1969). Tali modifikazzjoni, meta hekk verament necessitata, u basta wkoll mhux f'mansjoni inferjuri ghal grad tieghu ma tidherx li tikkostitwixxi ksur tal-principju tal-parita` ta' trattament;

Il-mistoqsija predetta taghti lok ghal mistoqsija ohra u cjoe, fil-kaz li ma tkunx tissussisti dik il-modifikazzjoni izda tkun tezisti qaghda fejn l-impjegat ma jkunx qed jinghata xoghol xejn, lanqas wiehed ekwivalenti ghal xi mansjoni modifikata, tistax tali qaghda taspira ruhha ghal sitwazzjoni ta' diskriminazzjoni vjetata. Ghat-Tribunal, qaghda bhal din, apparti li kienet taffettwa negattivament lill-impjegat, kienet ukoll tammonta ghal trattament differenzjali fil-paragun ma' senior managers ohra u tikkostitwixxi diskriminazzjoni. Il-Banka appellanti ma taqbelx ma' dan il-gudizzju u tikkontendi illi impjegat li jsofri att irragonevoli minn naha tal-principal tieghu, la ma jaqax f'xi wiehed mir-ragunijiet kontemplati fil-ligi, ma jkunx qed jircievi trattament diskriminatorju u jista', tutt'al piu`, ikollu rimedju divers;

Jghidilna s-**Selwyn** (*Op. Cit.* Para 10.17 pagna 267) illi "*as a general rule, the employer is not under an obligation to provide work for his employee*". B'danakollu, l-istess awtur jissokta jispjega permezz ta' certi ezemplarijiet illi "*there are certain special circumstances where the failure to provide work may result in the breach of a legal duty*". In partikulari, hu l-kaz fejn l-impjegat "*is appointed to a specific office*" jew fejn jirrizulta li ghandu "*specific skills*" dwar liema huwa intitolat li jezercitahom, "*even during notice periods, provided there is work to be done*" ("**William Hill Organisation Ltd -vs- Tucker**", Court of Appeal, 1999);

Kif taraha din il-Qorti, fil-parametri tal-ligi taghna, u l-aktar dik ta' l-inkorporament fit-trattament diskriminatorju ta' l-azzjoni mill-principal ta' kif jaghmel l-arrangamenti tieghu

dwar it-tqassim tax-xoghol, in-nuqqas ta’ tqassim ta’ xoghol, lil xi impjegat partikolari jew ukoll l-inattivita forzata tieghu minghajr assenjazzjoni ta’ kompiti, ghandu aktar minn semplici “*breach of a legal duty*”. Fil-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti, u wkoll skond il-previzjoni ta’ l-oghla principji tan-non-diskriminazzjoni fil-ligi komunitarja, dan qed jigi hekk meqjus ghaliex l-impjegat jitqieghed f’sitwazzjoni li, apparti li, *per se,* timmina d-dinjita` professjonali tieghu, hi, fl-istess waqt umiljanti u degradanti. Certament ukoll, il-kondotta ta’ min igib din il-qaghda fis-sehh hi wahda non-konformi ghall-principju tal-bwona fede fuq accennat. Manifestament, imbaghad, il-qaghda tikkomporta de-kwalifikazzjoni ta’ l-istatus professjonali tieghu, ossija “*un abbassamento del globale livello delle prestazioni del lavoratore con sottilizzazione delle capacità dallo stesso acquisite ed un conseguenziale impoverimento della sua professionalità*” (**Qorti Taljana ta’ Kassazzjoni, 4 ta’ Awissu, 2000, numru 10284**);

Innegabilment, sitwazzjoni konsimili tirrientra fil-kategorija ta’ dik l-istess definizzjoni ta’ trattament diskriminatorju – “kull distinzjoni, eskluzjoni, jew restrizzjoni li ma tkunx gustifikabbli f’socjeta` demokratika” – ghal liema tirreferi l-istess Banka appellanti fir-rikors ta’ l-appell taghha. Finalment, imbaghad, fil-kaz partikolari, l-ezercizzju maghmul mit-Tribunal hu wkoll, taht dan l-istess profil, wiehed ta’ gudizzju ta’ fatt rizervat esklussivament lilu mil-ligi li kkrejatu, u strettament insindakabbli minn din il-Qorti ta’ revizjoni.

Ghal motivi kollha suesposti u dawk tat-Tribunal, anke jekk issa b’mod aktar approfondit, din il-Qorti qeghda tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez jibqghu sopportabbli mill-Banka appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------